



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦAS-SUQ INTERN, L-INDUSTRIJA, L-INTRAPRENDITORIJA U L-SMEs

Brussell, il-21 ta' Ġunju 2018

AVVIŻ LILL-PARTIJET IKKONĊERNATI

IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT U R-REGOLI TAL-UE FIL-QASAM TAL-PROFESSIONIJET REGOLATI U TAR-RIKONOXXIMENT TA' KWALIFIKI PROFESSJONALI

Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit ressaq in-notifika tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Dan ifisser li, sakemm ma jkunx hemm ftehim ratifikat dwar il-ħruġ¹ li jstabilixxi data oħra, il-liġi primarja u sekondarja kollha tal-Unjoni tiegħu tapplika għar-Renju Unit mit-30 ta' Marzu 2019, 00:00h (CET) ("id-data tal-ħruġ").² Ir-Renju Unit imbagħad isir "pajjiż terz"³.

Fl-isfond tal-inċertezzi konsiderevoli, b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna l-kontenut ta' ftehim eventwali dwar il-ħruġ, il-persuni kollha li jeħtieġu rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali tagħhom bil-għan ta' aċċess għal professjoni regolata huma mfakkra bir-riperkussjonijiet legali, li jeħtieġ li jiġu kkunsidrati meta r-Renju Unit isir pajjiż terz⁴.

Sakemm ma jkunx hemm arranġament tranżitorju, li jista' jkun inkluż fi ftehim eventwali dwar il-ħruġ, b'seħħ mid-data tal-ħruġ, ir-regoli tal-UE fil-qasam tar-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit. Dan b'mod partikolari għandu l-konsegwenzi li ġejjin:

1. APPLIKAZZJONI TAR-REGOLI TAL-UE DWAR IR-RIKONOXXIMENT TA' KWALIFIKI PROFESSIONALI

Professionisti li jixtiequ jaċċessaw jew jeżerċitaw professjoni regolata fi Stat Membru differenti minn dak fejn kisbu l-kwalifiki tagħhom jistgħu jibbażaw fuq id-

¹ Għaddejnin negozjati mar-Renju Unit bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim dwar il-ħruġ.

² Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 50(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Kunsill Ewropew, bi ftehim mar-Renju Unit, jista' b'mod unanimu jiddeċiedi li t-Trattati jieqfu japplikaw f'data aktar tard.

³ Pajjiż terz huwa pajjiż mhux membru tal-UE.

⁴ Għal proċeduri ta' rikonoxximent li jkunu għadhom għaddejnin fid-data tal-ħruġ, ir-"Rapport konġunt min-negozjaturi tal-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Renju Unit dwar il-progress matul l-ewwel fażi tan-negozjati skont l-Artikolu 50 TUE dwar il-ħruġ ordnat tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea" jstabilixxi li, fir-rigward tal-persuni koperti f'dak ir-rapport, dawn il-proċeduri ta' rikonoxximent se jintemmu skont il-liġi tal-Unjoni (Paragrafu 32): https://ec.europa.eu/commission/publications/joint-report-negotiators-european-union-and-united-kingdom-government-progress-during-phase-1-negotiations-under-article-50-teu-united-kingdoms-orderly-withdrawal-european-union_en.

Direttiva 2005/36/KE dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali⁵ biex ikollhom il-kwalifiki tagħhom rikonoxxuti minn dak l-Istat Membru u biex jeżerċitaw il-professjoni tagħhom hemmhekk.

Id-Direttiva 2005/36/KE tkopri liċ-ċittadini tal-UE bi kwalifiki miksuba fi Stat Membru tal-UE wieħed jew iktar. Skont ċerti kundizzjonijiet u limitazzjonijiet, id-Direttiva 2005/36/KE tkopri wkoll liċ-ċittadini tal-UE bi kwalifiki miksuba f'pajjiżi terzi.⁶ Min-naħa l-oħra, ir-rikonoxximent ta' kwalifiki ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, kull fejn jinkisbu, mhumiex koperti mid-Direttiva 2005/36/KE.⁷

Id-Direttiva 2005/36/KE tipprevedi wkoll mekkaniżmu li jippermetti lill-professjonisti stabbiliti fi Stat Membru wieħed jiċċaqilqu u jipprovdu servizzi professjonali regolati fi Stat Membru ieħor fuq bażi temporanja jew okkażjonali (l-Artikoli 5 sa 9 tad-Direttiva 2005/36/KE). Il-forniment ta' servizzi bħal dawn tista' tkun soġġetta għal dikjarazzjoni bil-quddiem, jekk meħtieġ mill-Istat Membru ospitanti. Din tista' tinvolvi wkoll verifika bil-quddiem tal-kwalifiki għal għadd limitat ta' professjonijiet u biss jekk dan ikun meħtieġ biex jiġi evitat dannu serju għas-saħħa jew għas-sikurezza tar-riċevitur tas-servizz (l-Artikolu 7(4) tad-Direttiva 2005/36/KE).

Regoli oħra tal-UE jistgħu jipprevedu r-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali fir-rigward ta' professjonijiet regolati speċifiċi, bħad-Direttiva 2006/43/KE dwar il-verifika statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati⁸ jew id-Direttiva 98/5/KE biex tiffaċilita l-prattika tal-professjoni tal-avukat fuq bażi permanenti fi

⁵ Id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22).

⁶ L-Artikoli 2(2), 3(3) u 10(g) tad-Direttiva 2005/36/KE.

⁷ Għadd ta' Direttivi oħra tal-UE jistgħu, madankollu, joffru xi possibilitajiet limitati ta' rikonoxximent għal kategoriji speċifiċi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, eż. id-Direttiva (UE) 2016/801 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' riċerka, studji, taħriġ, servizz volontarju, skemi ta' skambju ta' skulari jew proġetti edukattivi u au pairing (ĠU L 132, 21.5.2016, p. 21), id-Direttiva 2014/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar il-kondizzjonijiet għad-dħul u s-soġġorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-fini ta' impjieg bħala ħaddiema staġjonali (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 375), id-Direttiva 2013/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali (ĠU L 180, 29.6.2013, p. 96). Id-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU L 337, 20.12.2011, p. 9), id-Direttiva tal-Kunsill 2009/50/KE tal-25 ta' Mejju 2009 dwar il-kondizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' impjieg bi kwalifiki għoljin (ĠU L 155, 18.6.2009, p. 17), id-Direttiva tal-Kunsill 2005/71/KE tat-12 ta' Ottubru 2005 dwar proċedura speċifika għall-ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' riċerka xjentifika (ĠU L 289, 3.11.2005, p. 15), id-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul (ĠU L 16, 23.1.2004, p. 44).

⁸ Id-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-verifika statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati (ĠU L 157, 9.6.2006, p. 87).

Stat Membru minbarra dak fejn inkisbet il-kwalifika⁹. Dan l-avviż ma jindirizzax ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali skont regoli oħrajn¹⁰.

2. RIKONOXXIMENTI TA' KWALIFIKI PROFESSJONALI RIKONOXXUTI QABEL ID-DATA TAL-ĦRUĠ

Il-ħruġ tar-Renju Unit ma jaffettwax id-deċiżjonijiet dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali miksuba fir-Renju Unit meħuda qabel id-data tal-ħruġ abbażi tad-Direttiva 2005/36/KE minn Stat Membru tal-EU-27.

3. RIKONOXXIMENTI MID-DATA TAL-ĦRUĠ 'IL QUDDIEM TAL-KWALIFIKI PROFESSJONALI

B'seħħ mid-data tal-ħruġ, iċ-ċittadini tar-Renju Unit se jkunu ċittadini ta' pajjiż terz u għalhekk id-Direttiva 2005/36/KE ma tibqax tapplika għalihom. Għaldaqstant:

- Ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali taċ-ċittadini tar-Renju Unit fi Stat Membru tal-EU-27 se jiġu rregolati mill-politiki u r-regoli nazzjonali ta' dak l-Istat Membru, irrispettivament minn jekk il-kwalifiki taċ-ċittadini tar-Renju Unit inkisbux fir-Renju Unit, f'pajjiż terz jew fi Stat Membru tal-UE-27.
- Il-forniment temporanju jew okkażjonali ta' servizzi minn ċittadini tar-Renju Unit fi Stat Membru tal-UE-27, anki jekk diġà stabbiliti legalment fi Stat Membru tal-UE-27, se jiġu rregolati mill-politiki u r-regoli nazzjonali ta' dak l-Istat Membru.

Rigward ċittadini tal-UE-27, il-kwalifiki miksuba fir-Renju Unit (minn hawn 'il quddiem "kwalifiki professjonali tar-Renju Unit") b'seħħ mid-data tal-ħruġ 'il quddiem huma kwalifiki ta' pajjiż terz għall-fini tal-liġi tal-UE. Ir-rikonoxximent ta' kwalifika bħal din ma għadhiex aktar koperta mir-reġim ta' rikonoxximent tad-Direttiva 2005/36/KE (kemm fir-rigward taċ-ċittadini tal-UE kif ukoll taċ-ċittadini tar-Renju Unit) iżda, f'konformità mal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2005/36/KE, ir-

⁹ Id-Direttiva 98/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 sabiex tkun iffaċilitata l-prattika tal-professjoni ta' avukat fuq bażi permanenti fl-Istat Membru minbarra dak fejn kienet miksuba l-kwalifika (ĠU L 77, 14.3.1998, p. 36).

¹⁰ Ir-regoli tal-UE dwar okkupazzjonijiet professjonali speċifiċi huma indirizzati fl-"Avviżi lill-partijiet ikkonċernati" settorjali, pereżempju fir-rigward tax-xufiera tal-ferroviji (ara "Avviż lill-partijiet ikkonċernati - Il-ħruġ tar-Renju Unit u r-regoli tal-UE fil-qasam tat-trasport bil-ferrovija"), tal-persunal tal-avjazzjoni, bħal piloti u persunal tal-kabina (ara "Avviż lill-partijiet ikkonċernati - Il-ħruġ tar-Renju Unit u r-regoli tas-sikurezza tal-avjazzjoni tal-UE"), tal-baħħara (ara "Avviż lill-partijiet ikkonċernati - Il-ħruġ tar-Renju Unit u r-regoli tal-UE dwar il-livell minimu ta' taħriġ għall-baħħara u r-rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikati tal-baħħara"), tal-kaptani ta' dgħajjes fuq passaġġi fuq l-ilmijiet interni (ara "l-Avviż lill-partijiet ikkonċernati - Il-ħruġ tar-Renju Unit u r-regoli tal-UE fil-qasam tal-ilmijiet interni"), tal-awdituri (ara l-"Avviż lill-partijiet ikkonċernati - Il-ħruġ tar-Renju Unit u r-regoli tal-UE fil-qasam tal-awditjar statutorju"), jew tal-persuni involuti fit-trasport bit-triq (ara l-"Avviż lill-partijiet ikkonċernati - Il-ħruġ tar-Renju Unit u r-regoli tal-UE fil-qasam tat-trasport bit-triq"; ara wkoll l-"Avviż lill-partijiet ikkonċernati - Il-ħruġ tar-Renju Unit u r-regoli tal-UE għal awtorizzazzjonijiet u ċertifikat għal trasportaturi ta' annimali ħajjin, xufiera u akkompanjaturi"). L-"Avviżi lill-partijiet ikkonċernati" kollha jinsabu hawnhekk: https://ec.europa.eu/info/brexit/brexit-preparedness_en.

rikonoxximent se jiġi rregolat mill-politiki u r-regoli nazzjonali ta' kull wieħed mill-Istat Membri tal-UE-27.

Jenħtieġ li ċittadini tal-UE-27 li għandhom kwalifiki professjonali tar-Renju Unit miksuba qabel id-data tal-ħruġ jikkonsultaw lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti biex jivvalutaw jekk huwiex rakkomandabbli li jiksbu, qabel id-data tal-ħruġ, ir-rikonoxximent ta' daww il-kwalifiki professjonali tar-Renju Unit fi Stat Membru tal-UE-27.

Is-sit web tal-Kummissjoni dwar il-moviment liberu tal-professjonisti tipprovdi informazzjoni ġenerali rigward kwistjonijiet ta' rikonoxximent. (https://ec.europa.eu/growth/single-market/services/free-movement-professionals/qualifications-recognition_en) Dawn il-paġni se jiġu aġġornati b'informazzjoni addizzjonali, kull fejn ikun meħtieġ.

Il-Kummissjoni Ewropea

Id-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs